

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Lidl Music spol. s r.o. (Brno, ir-Repubblika Ċeka)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-21 ta' Marzu 2012 (Każ R 2380/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Lidl Music spol. s r.o. u Lidl Stiftung & Co. KG.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Lidl Stiftung & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 227, 28.07.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2014 – Sartorius Lab Instruments vs UASI (Kurva safra fil-parti t'isfel ta' screen)

(Kawża T-331/12) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja — Sinjal li jikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ta' kurva safra fil-parti t'isfel ta' screen — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2014/C 102/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Sartorius Lab Instruments GmbH & Co. KG (Göttingen, il-Ġermanja), amMESSA li tissostitwixxi lil Sartorius Weighing Technology GmbH (rappreżentant: K. Welkerling, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Mejju 2012 (Każ R 1783/2011-1), li tikkonċerna applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal ikkostitwiet minn ark ta' ċirku isfar kurva safra fil-parti t'isfel ta' screen bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sartorius Lab Instruments GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 287, 22.9.2012.